# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 1 ta' Marzu 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 41/2015**

**Franco Azzopardi,**
**Antonia Azzopardi,**
**Georgianne Azzopardi,**
**Carmel Scicluna,**
**Ray Aquilina,**
**Pauline Farrugia,**
**Julian Farrugia,**
**Saviour Scicluna,**
**George Scicluna, u**
**Samwel Scicluna**

**vs**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;**
**Euchar Vella; u**
**Karkanja Limited (C34155)**

***sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi, li permezz tiegħu, wara li ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti Azzopardi huma s-sidien ta' "Plot 6", ir-rikorrenti Carmel Scicluna, Ray Aquilina, Pauline Farrugia u Julian Farrugia huma s-sidien ta' "Plot 8", Saviour Scicluna huwa s-sid ta' "Plot 7", George Scicluna huwa s-sid ta' "Plot 5" u Samwel Scicluna huwa s-sid ta' "Plot

4" li lkoll jinsabu fi Triq il-Paranji, Sannat, Għawdex (qabel magħrufa bħala triq ix-Xabbata).

2. Illi fi Triq il-Paranji, fejn ir-rikorrenti għandhom il-propjetà de quo, madwar is-sena 2003 beda jsir żvilupp mis-soċjeta' Karkanja Ltd. (C 34155) ta' 14, Triq ix-Xatt, Mġarr Għawdex u minkejja li għaddew aktar minn ħdax-il sena dan l-imsemmi żvilupp għadu ma tlestix.

3. Illi dan id-dewmien eseġerat qed joħloq piż sproporzjonat fuq ir-rikorrenti stante illi ilhom dawn is-snin kollha jissapportu bosta konsegwenzi riżultat ta' din il-kostruzzjoni, fost oħrajn terrapien, trabijiet, storbju, inġenji u ambjent ikraħ. Dan l-istat ta' fatt qiegħed saħansitra jaffetwa l-valur tal-propjeta' tagħhom u uħud mir-rikorrenti spiċċaw qegħdin jirreklamaw prezz irħas minn dak mistenni u dan riżultat tan-nuqqas ta' interess illi x-xerrejja qed ikollhom minħabba l-imessmmija kostruzzjoni.

4. Illi agħar minn hekk dan l-iżvilupp sar b'mod illegali u dan għaliex il-bini ma jottemprax ruħu mall-linja u mall-livelli uffiċjali tat-triq. Minħabba li l-iżvilupp sar barra mill-linja uffiċjali sarraf biex ġiet użurpata propjeta' pubblika b'konsegwenza illi l-imsemmija triq djieqet. Ir-rikorrenti qegħdin ukoll isibu diffikulta ta' parkeġġ u diffikulta sabiex jimmanuvraw il-vetturi tagħhom fl-imsemmija triq. Saħansitra lanqas bankina ma tista issir f'din it-triq f'minħabba li t-triq djieqet wisq.

5. Illi minkejja li inħareġ *Stop and Enforcement Notice* bin-numri ECF 565/09 kontra l-iżviluppatur, sal-ġurnata tal-lum dawn l-illegalitajiet għadhom fis-seħħ.

6. Illi sall-ġurnata tal-lum l-awtorita' konvenuta ma ħaditx azzjoni minkejja li għaddew aktar minn ħames snin u nofs mill-ħruġ tal-imsemmi avviż.

7. Illi l-istess rikorrenti fl-20 ta' Jannar 2015 ippreżentaw protest kontra l-istess awtorità fejn poġġewħhom f'dolo, mora w kolpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

8. Illi minkejja li għaddew aktar minn ħames xhur mill-imsemmi protest, l-imsemmija awtorità lanqas indenjat ruħha twieġeb għal-protest.

9. Illi l-awtorità konvenuta baqgħet qatt ma ħadet azzjoni sabiex dan il-ksur ta' regolamenti jieqaf minkejja li għanda obbligu tagħmel dan.

10. Illi il-fatti illegali u abbużivi ta' Karkanja Ltd. u l-inattività tal-awtorità konvenuta qed joħolqu preġudizzju u ħsara irremedjabbli fil-konfront tal-atturi għaliex sew il-konvenut wieħed u sew il-konvenut l-ieħor ma huma jagħmlu użu mill-jedd jew jeddijiet tagħhom fil-liġi fil-qis li jmiss u skond il-liġi .

11. Illi Franco, Antonia u Georgianne Azzopardi, Carmel Scicluna, Ray Aquilina u Pauline u Julian Farrugia, Saviour Scicluna,George Scicluna, Samwel Scicluna qegħdin jinqdew bil-fakultà mogħtija lilhom a tenur tal-artikolu 161 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u jagħmlu din il-kawża flimkien peress li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom jew jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tistaż tolqot id-deċiżjoni jew il-kawżi l-oħra u l-provi li jinġiebu f'waħda mill-kawżi jkunu, ġeneralment, l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża jew fil-kawżi l-oħra.

Talbu lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li huma responsabbli ta' dawn id-danni sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida dawn id-danni hekk sofferti; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għall-ħlas ta' dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju surriferit kollha kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa mħarrka għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Awtorita' konvenuta li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, l-improponibilita` tal-azzjoni attriċi u dana peress illi l-Awtorita` esponenti hi azzjonabbli għad-danni biss fil-kuntest ta' azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv skont l-art. 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-parametri u skont il-kriterji hemm stabbiliti. Ma jidhirx illi l-azzjoni odjerna hi waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv..

2. Illi preliminarjament, u bla ħsara għall-premess, l-azzjoni attriċi hija preskritta *in toto* jew *in parte* bit-trepass ta' sentejn, abbażi tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk l-azzjoni odjerna hi

waħda ta′ stħarriġ ġudizzjarju ta′ għemil amministrattiv, qed tiġi sollevata wkoll id-dekadenza tal-azzjoni attriċi bit-trepass ta′ sitt xhur, ai termini tal-art. 469A (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta′ Malta.

3. Illi *inoltre* u mingħajr ħsara għall-premess, l-Awtorita′ eċċipjenti ma tistax u m′għandiex twieġeb għat-talbiet attriċi in kwantu l-istess Awtorita′ bl-ebda mod ma wettqet, jew qed twettaq, ix-xogħolijiet ta′ kostruzzjoni li qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti, u lanqas ikkaġunat xi danni lir-rikorrenti. L-Awtorita′ ma tistax tinżamm responsabbli għad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti per konsegwenza tal-inkonvenjent illi nħoloq, jew qed jinħoloq, bix-xogħolijiet ta′ kostruzzjoni mwettqa mill-konvenuti l-oħra, jew min minnhom.

4. Illi l-inkonvenjent li l-atturi qed jallegaw li qed isofru minħabba x-xogħolijiet ta′ kostruzzjoni mwettqa mill-konvenuti l-oħra fil-viċinanzi tar-residenza tagħhom (l-atturi), hija kwistjoni purament ta' natura ċivili ta′ bejn l-istess partijiet, u ċioe′ l-atturi u l-konvenuti l-oħra. In kwantu jingħad li ġiet użurpata propjeta` pubblika, l-Awtorita` ma tistax twieġeb għal dan għax ma hijiex is-sid ta' dik l-art. Għaldaqstant, l-Awtorita′ intimata hija kompletament estraneja għall-vertenza mqanqla mill-atturi permezz ta′ din l-azzjoni tagħhom.

5. Huwa prinċipju bażilari li l-Awtorita′ esponenti m′għandha l-ebda *vires legali* li tinvestiga u tiddetermina kwistjonijiet ta′ natura purament ċivili, tant huwa hekk illi kull permess maħruġ mill-istess Awtorita′, inkluż il-permess għall-iżvilupp maħruġ fuq is-sit li fuqu qed jitwettqu l-imsemmija xogħolijiet ta′ kostruzzjoni, jinħareġ mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ċivili ta′ terzi. Ma jirriżultax li l-atturi qatt għamlu xi ħaġa biex iwaqqfu x-xogħolijiet li qed jilmentaw dwarhom illum.

6. Illi għalhekk, irrispettivament minn kwalsiasi permess ta' żvilupp maħruġ favur il-konvenuti l-oħra, jew min minnhom, ir-rikorrenti għandhom dejjem il-jedd li jistitwixxu proċeduri ċivili sabiex jenforzaw id-drittijiet ċivili tagħhom jekk dawn l-istess drittijiet jiġu b′xi mod preġudikati bit-twettiq tal-iżvilupp in kwistjoni; iżda dan r-rikorrenti għandhom jagħmluh billi jressqu l-ilment tagħhom fil-konfront ta′ min qiegħed allegatament jippreġudika d-drittijiet ċivili

tagħhom u mhux fil-konfront tal-Awtorita' eċċipjenti, li m'għandha x'taqsam xejn mal-inkonvenjent li allegatament qed jinħoloq bix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni in kwistjoni. Ir-rikorrenti setgħu anke jikkawtelaw id-drittijiet ċivili tagħhom billi jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex iżommu lill-konvenuti l-oħra milli jkomplu għaddejjin bix-xogħolijiet, imma dan għar-raġunijiet tagħhom m'għamluhx.[1]

7. Illi l-*enforcement notice* li għaliha jagħmlu referenza r-rikorrenti ma nħarġitx mill-Awtorita' għax l-iżvilupattur kien qiegħed jikkaġuna l-inkonvenjent li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti u li dwaru l-istess rikorrenti qed jibbażaw it-talbiet tagħhom. Kif ġja ngħad, din hija kwistjoni purament ċivili li ma taqax fil-mansjoni tal-Awtorita'.

8. Filwaqt li r-rikorrenti għandhom kull jedd li jressqu azzjoni ċivili għad-danni fil-konfront ta' min qiegħed allegatament jippreġudika d-drittijiet ċivili tagħhom, ma jistgħux pero' jippretendu li hija l-Awtorita' - li ma taħti bl-ebda mod għall-inkonvenjent li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti – li għandha tagħmel tajjeb għal dawn l-allegati danni sempliċiment għax l-iżvilupp in kwistjoni huwa soġġett ukoll għal proċeduri ta' nfurzar imexxija mill-Awtorita'.

9. Illi bla ħsara għall-permess, jispetta lir-rikorrenti li jressqu prova tad-danni minnhom allegatament subiti, kif ukoll li jġibu prova illi l-Awtorita` taħti għal dawk id-danni.

Salvi eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti l-oħra li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok Euchar Vella mhux il-leġittimu kontradditur stante li l-proprjeta' u l-iżvilupp indikat mir-rikorrenti mhux tiegħu u lanqas ma sar minnu. Il-proprjeta' u l-iżvilupp in kwistjoni sar mis-socjeta Karkanja Limited kif *del resto* jammettu l-istess rikorrenti f'paragrafu numru tnejn (2) tar-rikors ġuramentat tagħhom. Għaldaqstant Euchar Vella fil-vesti tiegħu personali ġie ċitat inutilment f'din il-kawża u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

[1] *vide* digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***"George Felice et vs. Keith Attard Portughes"*** deciza fil-21 ta' Mejju 2014, Mandat ta' Inibizzjoni Numru 636/2014 AF

2. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess m'hemm l-ebda danni xi jiġu likwidati u mħallsa da parti tal-esponenti lir-rikorrenti għas-sempliċi raġuni li l-esponenti ma għamlu l-ebda azzjoni jew ommissjoni li setgħet b'xi mod wasslet sabiex ġew arrekati xi danni lir-rikorrenti;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-liġi tagħna kif wkoll il-każistika tal-Qrati nostrani ma jippermettux azzjonijiet għall-ħlas ta' danni morali preċiżament danni kaġunati minn inkonvenjent riżultanti minn terrapien, trabijiet, storbju, inġenji u ambjent ikrah kif sewwasew qegħdin jirreklamaw ir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħhom jew inkella danni minħabba nuqqas ta' parkeġġ jew diffikulta ta' manuvrar ta' vetturi;

5. Illi s-soċjeta' Karkanja Limited ilha għal diversi snin tipprova tirregolarizza il-posizzjoni tagħha senjatament għar-rigward il-linja uffiċjali tat-triq. Dan pero – kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża – mhux għaliex hija użurpat proprjeta' pubblika kif jallegaw ir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħhom. Is-soċjeta Karkanja Limited ippreżentat l-applikazzjonijiet kollha relattivi lill-MEPA pero l-proċess baqa' wieqaf għas-sempliċi raġuni li r-rikorrenti riedu jagħtu l-kunsens tagħhom għat-tibdil fl-istess linja uffiċjali. Ir-rikorrenti baqgħu ma tawx tali kunsens għas-sempliċi raġuni li ippretendew kumpens *ex gratia* mill-esponenti biex jkunu jistgħu jipprestaw tali kunsens. Għaldaqstant ir-rikorrenti issa ma jistgħux jieħdu vantaġġ min-nuqqas ta' kollaborazzjoni u inadempjenza tagħhom biex jirreklamaw ħlas ta' danni allegatament sofferti minnhom;

6. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess u mingħajr l-ebda ammissjoni li ġiet usurpata xi proprjeta pubblika, ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda interess ġuridiku u mhumiex l-awtorita kompetenti biex jippromwovu azzjoni riżultanti mill-allegata użurpazzjoni ta' proprjeta pubblika;

7. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti għat-tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

9. B'riferenza għal paragrafi tar-rikors ġuramentat, l-esponenti jissenjalaw is-segwenti:

a) Għar-rigward l-ewwel (1), is-sitta (6), it-tmienja (8), id-disgħa (9) u l-għaxar (10) paragrafi tar-rikors ġuramentat (dan tal-aħħar in kwantu jirrigwarda l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar), l-esponenti mhumiex fil-posizzjoni li jikkonfermaw il-veracita o meno tagħhom;

b) Illi għar-rigward it-tielet (3) u r-raba' (4) paragrafi dawn huma kontestati fl-intier tagħhom stante li mhux minnu li r-rikorrenti soffrew xi danni ad istanza tal-esponenti jew inkella li l-esponenti użurpaw xi parti mill-proprjeta pubblika jew inkella li teżisti xi problema ta' parkeġġ jew manuvrar ta' vetturi minħabba xi azzjoni jew ommissjoni tal-esponenti;

c) Illi għalkemm huwa minnu li ħareġ l-avviż ta' twettiq u infurzar hekk kif indikat fil-ħames (5) paragrafu, is-soċjeta Karkanja Limited mill-ewwel bdiet bil-proċeduri neċessarji biex il-kwistjoni tiġi rettifikata. Għalhekk in kwantu jirrigwarda l-esponenti l-kontenut tal-għaxar paragrafu huwa wkoll kontestat. Kienu l-istess rikorrenti li ma ikkollaborawx f'dan il-proċess bil-konsegwenza li tali proċess baqa' imwaħħal għal snin sħaħ; anzi talbu kumpens *ex gratia* lill-esponenti biex is-soċjeta Karkanja Limited tkun tista' tipproċedi bil-proċess quddiem l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Aktar u aktar għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux issa jużaw l-inadempjenza tagħhom u n-nuqqas ta' kollaborazzjoni tagħhom biex jieħdu xi vantaġġ minnha. Għalhekk il-fatt reklamat fit-tieni (2) paragrafu tar-rikors ġuramentat fejn jingħad li l-iżvilupp ta' Karkanja Limited għadu ma tlestix ma jistax jiġi addebitat għal xi nuqqas tal-esponenti;

d) Illi l-kontenut tas-seba' (7) paragrafu mhux kontestat stante li huwa minnu li r-rikorrenti preżentaw protest fl-għoxrin (20) ta' Jannar 2015;

e) Għar-rigward il-kontenut tal-paragrafu numru ħdax (11) dan mhux kontestat stante li l-mertu tal-azzjoni proposta huwa identiku għar-rikorrenti kollha;

Bl-ispejjeż.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Jannar 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte* dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita'.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din l-ewwel eċċezzjoni tagħha, l-Awtorita' qed teċċepixxi l-improponibilita' tal-azzjoni attriċi u dana peress illi ssostni li hija azzjonabbli għad-danni biss fil-kuntest ta' azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil ammnistrattiv skont l-atikolu 469A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-parametri u skont il-kriterji hemm stabiliti. Fl-istess eċċezzjoni tgħid li ma jidhirx illi l-azzjoni odjerna hi waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. L-implikazzjoni hija allura, li ġialadarba l-kawża presenti mhix azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap.12, konsegwentement il-kawża hija improponibbli u t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda mingħajr ebda investigazzjoni ulterjuri.

Minn naħa l-oħra l-legali tal-atturi, fit-trattazzjoni orali tiegħu, jinsisti li l-kawża presenti hija waħda għad-danni taħt l-artikolu 1033 tal-Kap.16. Mill-premessi tar-Rikors Ġuramentat jirriżulta li l-atturi qed iżommu lill-Awtorita' responsabbli għad-danni minħabba l-allegat nuqqas ta' azzjoni tagħha li tieħu passi oħra in segwitu għall-ħruġ ta' *Stop and Enforcement Notice* maħruġa kontra l-iżviluppatur. Fi kliem ieħor qed jikkontendu li l-Awtorita' kienet negliġenti fit-twettieq tad-doveri tagħha u ttraskurathom.

L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-***Lex Aquilia,*** li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' dolo, li hawnhekk żgur li mhux il-każ, jew il-kważi delitt, f'każ ta' colpa, kif jippretendu li hu l-każ preżenti l-atturi.[2] Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward: "*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare.*" [3]

Huwa evidenti għalhekk li l-kawża presenti hija waħda għad-danni, li fiha l-atturi jridu jippruvaw li l-konvenuti jew xi ħadd minnhom

[2] 44 Dig. Del leg.aquil. IX, 2; art. 1033 Kap. 16.
[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p. 32 - 33.

ikkawżawlhom id-danni ħtija tan-negliġenza, traskuraġini jew għax naqsu li jagħmlu xi ħaġa li biha kisru xi dmir impost mil-liġi, u dana a tenur tal-artikolu 1033 tal-Kap.16. Ma jidher li hemm xejn fil-liġi li tirregola l-Awtorita' li tagħtiha immunita' milli tiġi mfittxa għad-danni taħt dan l-artikolu, u dan minkejja li tista' tkun ukoll responsabbli għad-danni taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kap.12 għal xi għemil amministrattiv abużiv tagħha. Dan wara kollox bħal ma jista' jinstab ħati għad-danni taħt l-artikolu 1033 tal-Kap.16 kwalunkwe dipartiment governattiv u bosta entitajiet pubbliċi oħra, minkejja l-applikazzjoni għalihom ukoll tal-artikolu 469A tal-Kap.12.

Għaldaqstant, filwaqt illi tiddikjara l-azzjoni presenti bħala waħda għad-danni a tenur tal-artikolu 1033 tal-Kap.16, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur